## ... u jifdal biss il-memorji !! © Eric Bonanno

*ikompli mill-ħarġa 2014*




**Fig. 10. Il-banda tipparteċipa fil-karnival fuq kummissjoni - "*Les Gitans*"**

Il-karru kien qed jalludi għall-għoli fil-prezz tal-ħobż u n-nuqqas fil-piż tal-ħobża Maltija meta mqabbel ma' flixkun ħalib. Dik il-ħabta l-poplu Malti kien igerger ħafna għall-mod kif il-Gvern Kolonjali kien jitratta x-xiri tal-qmugħ, taxxi fuqu u l-prezz relattivament għoli tal-ħobż.

Illum spiċċaw dawk l-imwieżen tal-injam bħalma jidher fir-ritratt, bil-wiċċ tal-irħam u bis-sriedek tal-bronż jidhru mit-tieqa tal-ħġieġ fin-nofs tal-kaxxa. Kienu jiżnu l-irtal, il-kwarti, eċċ. Spiċċaw ukoll il-fliexken tal-ħalib tal-ħġieġ, kbar u żgħar, bit-tapp tal-aluminju (li min jaf kemm dawwarnihom b'subajna qishom flying saucers!) Dak iż-żmien il-kumpanija (jew il-makna tal-ħalib – kif ġieli kienet tissejjaħ ukoll) kienet għadha magħrufa bħala l-MMU (i.e. il-Milk Marketing Undertaking).

***Il-La Vittoria f'Catania:***

Intant, avveniment ieħor importanti ħafna kien il-mawra tal-banda tal-1949 ġewwa Catania fi Sqallija u l-programm li kienet tat ġewwa Villa Bellini. Dik il-ħabta t-tmexxija tal-banda kienet f'idejn iż-Żebbuġi Mro. Adeodato Gatt (magħruf aktar bħala s-Surmast Datu).

Il-banda kienet ntlaqgħet tajjeb immens u kienet imfaħħra bil-kbir għall-eżekuzzjonijiet kollha tagħha.

Nhar is-Sibt, id-29 ta' Lulju il-Comune di Cataniakien ta riċeviment ad unur il-banda Melliħija ġewwa l-Palazzo del Municipio.Għal din l-okkażjoni l-banda kienet daqqet l-innu nazzjonali Taljan (Il Canto degli Italiani), l-Innu Malti u l-God Save the King.l-għada l-Ħadd ingħata l-programm prinċipali u kienu ndaqqew dawn il-biċċiet.

| | | |
|---|---|---|
| Omaggio alla Filarmonica Vittoria | Marcia Sinfonica | A. Gatt |
| I Vespri Siciliani | Sinfonija | G. Verdi |
| Norma | Silezzjoni | V. Bellini |
| AdrianaLecouvreur | Silezzjoni | F. Cilea |
| Bohemian Girl | Sinfonija | M. W. Balfe |

L-Innu Malti
Il Canto degli Italiani
God Save the King.

B'tifkira ta' din il-mawra l-Banda La Vittoria kienet ġiet irregalata stendard ordnat apposta mill-Comune di Catania. (Fig. 11.)




**Fig. 11. L-istendard mogħti mill-*Comune Di Catania* b'tifkira tal-mawra f'dik il-belt.**

Wieħed mill-isbaħ ritratti li fadlilna ta' din il-mawra (Fig. 12.) juri numru ta' bandisti Melliħin miġburin quddiem l-istess stendard ta' tifkira msemmi hawn fuq.




**Fig. 12. Il-bandisti tal-*La Vittoria* ġewwa *Villa Bellini* jippużaw quddiem l-istendard ta' tifkira mogħti lill-banda mill-*Comune di Catania* fl-1949.**

Il-50 Anniversarju:

Fl-1957 kien iċċelebrat il-50 anniversarju mit-twelid tas-Soċjetà u kif kien mistenni u xieraq saru ċelebrazzjonijiet kbar.Minn dis-sena wkoll ingħata bidu għall-festin għat-tfal Melliħin fejn dawk kollha li jattendu bdew jingħataw borża ħelu u anke rigal.

Għal din l-okkażżjoni l-pjazza żżejjnet bil-liedna, bnadar u bandalori. Is-Surmast Willie Attard kien ħejja programm gwapp imma fl-aħħar mument kellu jirtira u floku ħabbtu Mro. Vincenzo Ciappara.Flimkien mal-banda La Vittoria, taw servizzi oħra l-Malta Accordion Association, il-Banda Filarmonica Pinto ta' Ħal Qormi, il-Banda Isouard tal-Mosta, il-La Vallette tal-Belt Valletta u oħrajn.

Għall-kunċert il-kbir,bħala mistednin distinti kien hemm il-Gvernatur ta' Malta Sir Robert Laycock, Dr. George Borg Olivier, Kap tal-Oppożizzjoni u President Onorarjutas-Soċjetà,l-Arċisqof ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu, Mons Mikiel Gonzikif ukoll il-Kleru kollu Mellieħi. Waqt iċ-ċerimonja, il-Gvernatur Laycock ippreżenta stendard ġdid bl-arma tal-banda La Vittoria lill-President George Zammit f'isem il-membri kollha. L-istendard tbierek mill-Arċisqof Gonzi fil-preżenza tal-Kappillan Dun Franġisk Xuereb(tal-Basli)(Fig. 13.).



**Fig. 13. Il-preżentazzjoni (xellug) u t-tberik tal-istendard (lemin)**

Fir-ritratt tax-xellug il-Gvernatur Laycock jidher jippreżenta l-istendard lill-President Zammit. Fuq il-lemin tal-President jidher l-Arċisqof Gonzi. Eżatt wara l-Gvernatur jidher il-Kappillan Dun Franġisk Xuereb u fuq il-lemin ta' Dun Franġisk jidher Dun Anton Debono ta' Boroż.

Fir-ritratt tal-lemin l-Arċisqof Gonzi jidher ibierek l-istendard miżmum mill-President (ma jidhirx). L-Arċisqof qiegħed assistit minn Dun Anton bis-sasla tal-ilma mbierek f'idu waqt li l-kappillan personali tiegħu qed iżommlu l-ktieb tat-talb. Fuq ix-xellug ta' Dun Anton (bil-libsa ċara) aktarx dak huwa Dr Joseph Fenech tas-Sur Tumas minn Birkirkara. Fuq il-lemin tar-ritratt jidher is-Segretarju tas-Soċjetà, dak iż-żmien il-Kavallier Alfred Sultanaminn tal-Qargħa u ħdejh il-bandist Ninu Muscat tal-Iskarpan.

Bħala tifkira tal-okkażżjoni l-Gvernatur ingħata tagliacarti tal-fidda. Wara, il-President Zammit ippreżenta par gandilabri tal-fidda lill-Eċċ. T. Mons Arċisqof f'isem il-membri tas-Soċjetà (Fig. 14) u żewġt itfal ċkejknin

irregalaw bukketti tal-fjuri kemm lill-mart il-Gvernatur kif ukoll lill-Arċisqof (Fig. 15). Ingħata rigal ieħor ta' tifkira lill-KappillanDun Franġisk Xuereb u aktar tard il-Viċi President anke ppreżenta tifkira lill-istess President Zammit.Iċ-ċerimonji spiċċaw bl-Arċisqof jagħmel diskors qasir tal-okkażjoni.



**Fig. 14. Il-president tas-Soċjetà Dr. George Zammit jippreżenta rigal ta' tifkira lil Mons. Arċisqof Gonzi.**



**Fig. 15. Tfal jippreżentaw bukkett fjuri lil Mons. Arċisqof Gonzi.**

Kif jixhdu Fig. 16 u 17, minbarra l-bandisti, il-kor u l-mistednin. il-pjazza kienet imballata bin-nies li ntasbu kull fejn sabu naqra post.



**Fig. 16. Il-pjazza mballata bil-nies għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-anniversarju.**



**Fig. 17a. Il-folla miġbura fil-pjazza għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-50 anniversarju**

Ritratt partikolari meħud minn ħdejn il-leġiju tas-surmast (Fig. 17.) jagħti xhieda aktar ċara tal-folla li kienet imliet il-pjazza dakinhar u anke jippermettilna nidentifikaw uħud mill-mistednin preżenti




Fig. 17b.

Irnexxielna nidentifikaw dawn il-persuni mmarkati.
1. Wiġi Gauci tal-Lejxu; 2. Marija (mwielda Fenech) mart Wiġi (1); 3. Tereża Caruana – Trejża tax-Xifu;
4. Karmena Galea (bint Trejża ta' Xifu); 5. Feliċ Galea, (żewġt Karmena (4)) 6. Katarin Muscat;
7. Ġanni Muscat tal-Iskarpan (Bandist); 8. NN. minn ta' Ganon; 9. Ġanna Fenech, mart Karmnu tal-Babbu;
10. Ċensina Bartolo, mart il-Viċi President Ġużeppi; 11. Ġanna Vella (mart Indri – (13));

Kif spiċċa l-kunċert il-mistednin ittellgħu l-każin għal riċeviment (Fig. 18) fejn anke ffirmaw il-ktieb tal-mistednin bħala tifkira tal-okkażjoni (Fig. 19).



Fig. 18. Il-mistednin distinti waqt ir-riċeviment fil-każin.

Mix-xellug għal-lemin f'Fig. 18 jidhru l-Kappillan Dun Franġisk Xuereb, il-Gvernatur Sir Robert Laycock, Joseph Caruana il-Pipi (is-Surmast tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa), l-Arċisqof, Mons. Mikiel Gonzi, Cecilia Vella mwielda Muscat (bint Salvu Muscat tal-Iskarpan); Dr. George Zammit (President tas-Soċjetà La Vittoria), Dun Belinn Azzopardi ta' Kalanġ ( saċerdot Mellieħi) u Dr. George Borg Olivier, President Onorarju tas-Soċjetà u Kap tal-Oppożizzjoni.

Ta' min jinnota li fl-inkwatru ta' wara l-Gvernatur hemm jidher ir-ritratt tal-Kumitat li kien hemm attiv fil-25 anniversarju tas-Soċjetà.



F'Fig. 19, minbarra l-E.T. Mons. Arċosqof, jintagħrfu wkoll Il-kappillan Dun Franġisk Xuereb (xellug) u fit-tarf fil-lemin jidher Dun Anton Debono.

Wieħed ta' min jinnota l-abitu ċerimonjali komplet ta' Dun Anton. Jidher liebes is-suttana, is-saturnou l-firjolun (kappatwila li tinqafel b'ċoff madwar l-għonq. Mal-ġnub tal-firjolunjidhru wkoll il-faxex ileqqu li kienu jkunu daqs 5" wiesgħa. (Ara wkoll Fig. 13.)

**Fig. 19. L-E.T. l-Arċisqof Gonzi jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi tal-każin.**

Il-Gvernatur Laycock tant kien ħa pjaċir u apprezz l-istedina tas-Soċjetà li anke bagħtilha ritratt u ittra ta' ringrazzjament (Fig. 20.)



THE PALACE,
MALTA.
11th June, 1957.

Sir,

I am desired by His Excellency The Governor to thank you and all the members of "La Vittoria" Band Club for the warm welcome you extended to him when he visited your Club last Sunday on the occasion of its Golden Jubilee.

His Excellency wishes me to say how much he enjoyed meeting so many members of the Club and how charmed he was by your hospitality. He particularly wishes me to thank you for the very nice silver paper cutter and for the lovely flowers.

The Governor asks you to accept the accompanying autographed photograph as a memento of a most enjoyable visit.

I have the honour to be,
Sir,
Your obedient servant,

Colonial A.D.C. to
H.E. The Governor.

The President,
"La Vittoria" Band Club,
Mellieha.




**Fig. 20. L-ittra u r-ritratt iffirmat mill-Gvernatur Laycock b'ringrazzjament tal-istedina li kienet saritlu għaċ-ċerimonji tal-50 anniversarju tas-Soċjetà.**

[7]Wieħed jinnota l-insinja tar-Renju Brittanniku fuq l-ittra billi dak iż-żmien Malta kienet għadha kolonja Brittannika kif ukoll il-kliem "The Palace, Malta". Hawn ir-referenza hi għall-Palazz Presidenzjali tal-belt Valletta li dak iż-żmien kien jissejjaħ Il-Palazz tal-Gvernatur.

Iċ-Ċentinarju Pawlin:

Fl-1960 kienu saru ċelebrazzjonijiet kbar għaċ-Ċentinarju Pawlin u fostna għal din l-okkażżjoni kien ġie l-Eminenza Tiegħu, il-Kardinal Mons. Paolo Marella. Nhar il-Ħamis, 21 ta' Lulju l-Kardinal Marella żar is-Santwarju tal-Mellieħa. Il-Melliħin laqgħuh bi ħġarhom u ħarġu jilqgħuh jasal ħdejn il-post magħruf bħala "Il-Mitħna" fejn anke sab jistennewh iż-żewġ baned tar-raħal, l-Imperial u l-La Vittoria. Il-konkorrenza tan-nies tant kienet kbira li l-karozza tiegħu bilkemm setgħet tidħol fil-pjazza tas-Santwarju bir-rassa li nħolqot.

Iċ-ċerimonja nżammet fis-Santwarju fejn il-kardinal Marella anke ta l-barka apostolika tiegħu lill-ġemgħa miġbura. Kien assistit ukoll mill-Kleru Mellieħi kollu (Fig. 21.)



**Fig. 21. L-Em. T. Il-Kardinal Mons. Paolo Marella jgħid kelmtejn tal-okkażjoni lill-folla li nġabret fejn is-Santwarju għaċ-ċerimonja taċ-Ċentinarju Pawlin.**

Fir-ritratt, fit-tarf fuq ix-xellug jidher il-Kappillan Dun Franġisk Xuereb.Bis-suttana biss u b'berettin f'idejh jidher il-kappillan personali tal-Kardinal. Imbagħad hemmMons. Marella nnifsu, żewġ qassisin oħra li ġew miegħu u fit-tarf tal-lemin Dun Anton Debono.

Wara ċ-ċerimonja fejn is-Santwarju il-mistednin telgħu l-pjazza u kif waslu quddiem il-bini tal-każin La Vittoria, il-President Dr. George Abela ppreżenta kallotta ġdida lill-Kardinal biex dan jibdilha ma' tiegħu. Fil-fatt il-kallotta oriġinali ta' Mons. Marella għadha tinżamm fil-Każin b'tifkira ta' dan il-mument.

**Kuntatti mal-Vatikan:**

Dan ma kienx l-uniku kuntatt tal-La Vittoriama' persuni distinti fil-ġerarkija ekkleżjastika. Fl-1 ta' Novembru 1966 is-Soċjetà kellha vista mill-Kardinal Joseph Frings (Fig. 22.). Is-sena ta' wara s-Soċjetà reġa' kellha vista oħramill-Kardinal Marella. L-1967 kienet sena memorabbli għas-Soċjetà għax fiha kemm il-Kardinal Marella kif ukoll l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Gonzi kienu ntalbu formalment biex jaċċettaw li jsiru patruni tas-Soċjetà, invit li kien intlaqa' bil-qalb. (Fig. 23.).



**Fig. 22. Il-Kardinal Frings**



A Perenne Memoria
della
Visita Ufficiale
alla
Società Filarmonica La Vittoria
della Mellieha
di Sua Em.ma Rev.ma Paolo Card. Marella
Arciprete della Basilica Patriarcale di S. Pietro
di Sua Ecc. Rev.ma Mons. Michaele Gonzi
Assistente al Soglio Pontificio
Arcivescovo Metropolita di Malta
Patroni della Società
in occasione delle Feste Centenarie
del Martirio dei SS. Apostoli
Pietro e Paolo
10 Luglio 1967

Patrono Patrono

Presidente

**Fig. 23. Id-dokument iffirmat minn Marella u l-Arċisqof Gonzi fl-1967 ta' meta saru patruni tas-Soċjetà La Vittoria.**

Tifkira oħra li nsibu fil-każin huwa Fig. 24. F'dan ir-ritratt huwa rigal personali tal-Kardinal Marella lis-Soċjetà. Taħt ir-ritratt hemm kitba minn idejn il-Kardinal Marella nnifsu u tgħid hekk.

*"Lis-Sinjuri President u Kumitat tas-Società Filarmonica "La Vittoria" tal-Mellieħa,*

*Nagħti l-barka tiegħi u minn qalbi nirrikmanda lil kulħadd, b'mod speċjali liż-żgħażagħ biex iżommu sod fit-tagħlim li ħallielhom San Pawl.*

*Mill-belt tal-Vatikan, it-8 ta' Settembru 1966*
*Festa tat-twelid tal-Verġni Marija."*

*Iffirmata: Paolo Kardinal Marella.*



**Mal-PM ta' Malta:**

Fl-1947 il-Prim Ministru ta' Malta kien it-tabib Dr. Paul Boffa. Kemm dam Prim Ministru Boffa għamel viżta waħda biss fil-każin La Vittoria (Fig. 25.) Din il-viżta kienet apprezzata ferm u għad li dik il-ħabta kienet ħarġet liġi li ma setax isir sparar ta' murtali mingħajr permess, il-membri tal-La Vittoria ma ddejqu xejn imorru kontra dil-liġi biex jesprimu l-ferħ tagħhom għal din iż-żjara unika. Wara ħadd ma kien ikkummenta xejn dwar dan l-episodju u kollox għadda b'wiċċ il-ġid.

Fir-ritratt (mix-xellug) jidhru dawn li ġejjin: ?; Is-Sur Ġużè Schembri (Ħamruniż imma refuġjat fil-Mellieħa matul il-gwerra) ; Toni Sultana; Dun Manwel Grima (saċerdot Mellieħi); ?; Dr. Joseph Fenech minn Birkirkara (Ministru fil-kabinett ta' Boffa); Ġenoveffa Boffa (mwielda Cecy, mart Dr. Paul Boffa); il-Kappillan Dun Franġisk Xuereb; Dr. George Borg Olivier; ?.



**Fig. 25. L-unika żjara tal-PM Dr. Paul Boffa fil-każin La Vittoria fl-1947.**

**Il-La Vittoria u l-Emigranti Vittorjani:**

Jingħad li l-imħabba għal dak li titrabba fih ma tmut qatt anke jekk tkun bogħod minn art twelidek. L-emigranti Melliħin qatt ma nsew is-Soċjetà tagħhom u kemm-il darba għamlu donazzjonijiet biex iżejnuha u jarawha sejra aktar il-quddiem.

Fl-1976 l-emigranti Vittorjani fl-Awstraljarregalaw lis-Soċjeta stendard bl-arma tal-Awstralja rrakmata fuqu.

L-istendard tal-Awstralja li kien tħallas mill-emigranti Melliħin kien ġie ppreżentat lis-Soċjetà nhar it-Tnejn, is-6 ta' Settembru 1976 waqt viżta uffiċjali li saret mill-Kummissjonarju Għoli Awstraljan għal Malta.

Il-ġabra għall-istendard kienet saret minn Pawlu Vella tal-Masklu f'isem l-emigranti sħabu u kien ġie mgħoddi lill-President tas-Soċjetà, il-Perit Carm Lino Spiteri mill-Kummissjonarju Għoli Awstraljan Oppermann (Fig. 26).

[8]Is-sur Ġużè kien il-proprjetarju ta' dik li darba kienet ir-Radio City Hall. Fil-Mellieħa kien ta kontribut kbir għax kien hu li fetaħ il-pitkalija tar-raħal.




**Fig. 26. Il-preżentazzjoni tal-istendard tal-Awstralja**

Fir-ritratt (mix-xellug) jidhru Dr. George Borg Olivier (President Onorarju tas-Soċjetà). Eżatt fuq ix-xellug tiegħu (warajh) tidher il-bandista Sylvia Caruana (bint l-eks-bandist Frans Caruana ta' Gallina). L-iebsa l-abjad hemm is-Sinjura Mavys Craig (mart il-Kummissjonarju Għoli Awstraljan). Warajha fuq ix-xellug jidher il-bandist Vitor Caruana ta' Trejża ta' Xifu. Imbagħad hemm l-On. Sir Hubert Oppermann, il-Kummissjonarju Għoli Awstraljan. Fuq ix-xellug tiegħu jidher l-emigrant Pawlu Vella tal-Masklu u jżomm it-tarf tal-lemin tal-istendard jidher il-President tas-Soċjetà, il-Perit Carm Lino Spiteri.

L-istendard kien tbierek minn Dun Mose Debono, id-direttur Spiritwali tal-La Vittoriau eks-bandist tas-Soċjetà hu wkoll.

Aktar il-quddiem l-emigranti Vittorjani fl-Awstralja anke rregalaw lis-Soċjetà il-badges tal-uniformi, il-pavaljuni tal-leġiji tal-bandisti, lapidi kommemorattivi u strument għall-użu mill-bandisti tagħha.

L-emigranti Melliħin fl-Amerka taw sehemhom ù lis-Soċjetàwkoll u fi żmien ieħor kien rregalawlha stendard tal-Amerka.

**Tiġdid: It-Tieni Strumentatura:**

Ix-xiri tal-istrumentatura l-ġdida kienet biċċa wġiegħ ta' ras gwappa u kienu bosta dawk li għaqdu l-isforzi tagħhom biex dil-biċċa tax-xogħol setgħet isseħħ.

Fis-seduta tas-16 ta' Frar 1971 kien sar qbil li tinxtara strumentatura ġdida. Għal dan il-għan kien meħtieġ titwaqqaf kummissjoni apposta u fil-fatt middew għonqhom għal din l-impriża Frans Caruana ta' Gallina, Anthony Vella tal-Baks (jew tal-Ġir), Alexander Attard taż-Żebgħa, Anthony Fenech il-Pajżan, Anthony Abela tal-Ħadra, Manuel Vella l-Ġoles, Ġanni Micallef it-Twila u Ġanni Mifsud ta' Milja.

Wara ħafna stinkar u ġiri 'l hawn u 'l hemm biex jinġabru l-flus inġabret is-somma ta' £3300 għal 54 strument; għal dak iż-żmien kienet somma ġmielha sewwa.L-istrumentatura nxtrat mingħandid-ditta Boosey & Hawkes ta' Middlesex fl-Ingilterra.

L-istrumenti waslu Malta eżatt għall-festa ta' dik is-sena u kienu esebiti fis-sala tal-Każin bejn is-7 u t-8 ta' Settembru. Għal-La Vittoria dan kien mument storiku u ma setax jonqos li ma jiġix iċċelebrat bil-pompa kollha li kien jixraqlu.

Biex dan l-avveniment jibqa' mfakkar ittellgħet dik li ssejħet "Il-Festa tal-Istrumentatura" nhar is-Sibt u l-Ħadd, 10 u 11 ta' Settembru 1971, rispettivament.

Is-Sibt, xejn anqas minn 50 bandist tal-post fetħu ċelebrazzjonijiet b'eżekuzzjoni brillanti ta' siltiet mill-opra Nabucco ta' Giuseppe Verdi. Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet intlaħqu l-għada l-Ħadd filgħaxija. L-attivitàjiet bdew b'korteo lejn iċ-ċimiterju tal-parroċċa fejn is-soċi,immexxija mill-President Carm Lino Spiteri u l-Kumitat offrew it-talb tagħhom għal ruħ il-bandisti mejtin u midfunin fil-qabar tas-Soċjetà.

Miċ-ċimiterju l-korteo rħielha għas-Santwarju fejn id-direttur spiritwali Dun Mosè ċċelebra l-ewkaristija b'ringrazzjament flimkien mal-ġemgħa. Waqt l-offertorju, l-aktar soċju anzjan u l-iżgħar bandist akkumpanjaw lill-President Spiteri, lis-Segretarju u lis-Surmast Salvinu Vella jippreżentaw l-istrument l-ġodda mal-offerti tal-Ħobż u l-Inbid.

Wara, il-Kappillan Dun Ġużepp Schembri bierek l-istrumenti li tpoġġew għall-wiri fil-bitħa tas-Santwarju u b'ġest ħelu u biex il-wirja tiġi inawgurata, kemm il-Kappillan u kemm il-President Spiteri ntalbu jdoqqu l-ewwel noti bl-istrumenti l-ġodda (Fig. 27).




**Fig. 27a. Il-President Carm Lino Spiteri jdoqq l-ewwel noti bl-istrumenti l-ġodda fl-inawgurazzjoni tal-wirja.**

[9]Wara Carm Lino Spiteri ċ-Ċumpaqq, Anthony Vella tal-Baks sar il-President tas-Soċjetà u dam f'din il-kariga għal 9 snin.




**Fig. 27b.**

Mir-ritratt irnexxielna nidentifikaw lil dawn il-persuni:

1. Charlie Attard ta' Xandru; 2. Anthony Vella tal-Baks (jew tal-Ġir)(*) ;
3. Carm Lino Spiteri ċ-Ċumpaqq (President tas-Soċjetà); 4. Frans Caruana ta' Gallina (*);
5. Dun Ġużepp Schembri (Kappillan tal-parroċċa); 6. Dun Lino Grech; 7. Dun Mosè Debono ta' Boroż;
8. Joseph Bartolo ta' Ċensina; 9. Ġużepp Norġ tal-Lanċit; 10. Kelinu Muscat tal-Iskarpan.

Fl-istess okkażżjoni l-President Spiteri kien ippreżentat b'pittura ritratt tiegħu xogħol l-artist Joseph Briffa iżda b' sens t'umiltà l-President reġa' rregalaha lis-Soċjeta biex tibqa' b'tifkira ta' dik l-okkażżjoni importanti.

Wara din iċ-ċerimonja kienu anke ġew ippreżentati rigali oħra lis-Sinjura Spiteri, mart il-President u lis-Surmast Vella.

Ċelebrazzjoni bħal din ma setgħetx ma tingħalaqx bil-parteċipazzjoni tal-banda nnifisha (Fig. 28.).



**Fig. 28. Il-Bandisti ħerġin mill-bitħa tas-Santwarju għal marċ *ala Veneziana*.**

[10]Persuni mmarkati (*) kienu jagħmlu parti mill-kummissjoni nkarigata mill-ġbir għall-istrumenti

Fil-fatt il-bandisti għamlu marċ ala Veneziana u daqqew marċi ferriħin waqt li għaddew minn għadd ta' toroq ewlenin madwar il-Mellieħa. Kif kien xieraq il-marċ reġa' spiċċa fil-każin tas-Soċjetà fejn il-bandisti u s-soċi kollha kienu mistiedna għal bibita biex flimkien jiċċelebraw dan il-mument.

**Għeluq:**

Ħallejt proprju dan l-episodju għall-aħħar bi skop. Fih nara t-tiġdid tas-Soċjetà f'mument importanti fl-istorja tagħha. L-investiment qawwi għat-tieni strumentatura ma kienx ħaġa faċli għas-Soċjetà. Kull għaqda dejjem ikollha ħtiġijiet finanzjarji imma minkejja kollox il-La Vittoria għamlet dan il-pass bl-għan li dejjem ittejjeb l-impenn mużikali tagħha u tkompli tkun parteċipi u attiva fil-kamp mużikali u fil-kultura Maltija.

**Ringrazzjamenti:**

Niftakar li meta snin ilu kont rajt ir-ritratt tal-banda tal-1926 għall-ewwel darba fil-Każin,mill-ewwel issaħħart warajh għax fih jidher buż buż nannuwi, Salvu Bartolo tas-Sinktu. Kont staqsejt lil Joe Catania u lil Anthony Gauci l-Lejxu (illum it-tnejn ħallewna) għaliex ma kienx hemm l-ismijiet taħt il-bandisti. Bħal donnhom ftehmu x'ser jgħidu flimkien wiġbuni, "Għax dik il-biċċa xogħol ħa nħalluha f'idejk!"

L-ewwel għajnuna tawhieli huma stess. Lil Anthony Gauci – Ninu, kif kont insibu, kont nibbumbardjah bil-mistoqsijiet kemm ilħaqtu ħaj. Iddiskutejna elf ħaġa. Joe Catania kien espert biex jixgħellek il-miċċa tal-kurżità. L-għajnuna min-naħa tiegħu qatt ma naqset. Insellem il-memorja ta' dawn iż-żewġt iħbieb kbar u nirringrazzjahom ta' kull m'għamlu miegħi u għall-ġid tas-Soċjetà.

Għajnuna oħra għal dan l-artiklu rċivejtha mingħand Pawlino Mifsud (il-President tas-Soċjetà La Vittoria), Joseph Cauchi (Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà), Yvonne Caruana (Assistenta Segretarja), Anġela Caruana, Spiru Bartolo, Jane Spiteri u Dun Ewkarist Zammit u Patri Toni Sciberras MSSP.

Imma żgur li m'għandix ilsien biex nirringrazzja lil Frans Caruana ta' Gallina u lil martu Anġela tal-kontribut enormi li tawni fl-identifikazzjoni tal-biċċa l-kbira ta' dawk imsemmija fl-artiklu. Frans u Anġela kienu minjiera unika t'informazzjoni u b'binthom Yvonne (l-Assistenta Segretarja tas-Soċjetà) bħala l-messaġġiera bejnietna, kienu strumentali biex dawk il-bandisti, soċi, eċċ. li identifikawli issa ser jibqgħu mfakkrin. Grazzi Frans u grazzi Anġela!